MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## SILVIO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2011

Numru 36/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Peter Paul Azzopardi**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Peter Paul Azzopardi ta' 59 sena iben Joseph u Mary nee` Borg, imwieled n-Nadur Ghawdex nhar il-5 ta' Novembru 1949, residenti fil-fond Azzopardi, Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita` 86449(G) fejn gie akkuzat:

1. talli fis-26 ta' Mejju 2008 ghal habta ta' bejn id-disgha u nofs u l-ghaxra u nofs ta' filghodu (9:30am – 10:30am) u fix-xhur ta' qabel gewwa r-Rabat Ghawdex, iffalsifika xi biljett tal-flus jew mexxa biljett tal-flus

iffalsifikat u cioe` iffalsifika jew mexxa biljett ta’ mitt euro (€100) (Artikolu 45(1) ta’ l-Att dwar il-Bank Centrali ta’ Malta Kap. 204).

2. u aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljett tal-flus iffalsifikat, u cioe` kellu fil-pussess tieghu biljett tal-flus ta’ mitt euro (€100) falsifikat (artikolu 46 tal-Att dwar il-Bank Centrali ta’ Malta Kap. 204).
3. u aktar talli rrenda ruhu recediv wara li gie misjubhati b’sentenza moghtija mill-Imhallef l-Onorevoli Dr V. De Gaetano LL.D., fil-Qorti ta’ l-Appell Kriminali nhar is-17 ta’ Frar 2000, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-13 ta’ Jannar, 2011 li permezz taghha dik il-Qorti waqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni peress illi dina nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel wahda sabet lill-imputat Peter Paul Azzopardi hati tal-ewwel akkuza u tat-tielet akkuza ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9 biss u kkundannatu ghal perjodu ta’ sentejn prigunerija sospiz ghal zmien sentejn mid-data tas-sentenza.

L-ewwel Qorti wissiet lill-imputat appellant skont il-ligi jekk huwa jikommetti reat iehor matul il-perijodu operattiv tas-sentenza u wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap 9 ordnatlu jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ €133 in konnessjoni mad-drittijiet peritali u ordnat d-distruzzjoni tad-Dokument AS1.

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Peter Paul Azzopardi minnu prezentat fil-31 ta’ Jannar 2011 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tigi kkonfermata dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti astjeniet minn li tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza tilliberah minn l-akkuzi l-ohra kollha u konsegwentement tilliberah minn kull piena, kundanna u ordni fuqu inflitta fil-konfront tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet lill-paritjiet jittrattaw l-appell fis-seduta tal-1 ta' April 2011.

Il-fatti ta' dan il-kaz jistghu jigu rikapitulati kif gej.

Fis-27 ta' Mejju 2008 is-Senior Principal addetta mal-Ufficju tal-Licenzji tal-ADT, Joan Spiteri, akkompanjata mill-iskrivana Simone Cini rrapportat lill-Pulizija li fis-26 ta' Mejju 2008 bejn id-9.30 u l-10 am l-imputat kien mar l-ufficju tal-licenzji biex ihallas l-ammont ta' €1083.12 ghall-licenzja tal-vettura PPA-888. Il-pagament ghamlu permezz ta' pakkett ta' flus li kien jikkonsisti f'karti qodma fl-ammont komplessiv ta' €1000 li zewg karti minnhom kienu ta' €100 l-wahda waqt li l-kumplament kienu f'karti ta' €50 il-wahda. Ma' dan l-imputat zied €83.12 mill-kartiera tieghu biex jaghmel tajjeb ghad-differenza. Fl-ufficju tal-licenzji l-imputat ittratta ma' Simone Cini. Is-Senior Principal Joan Spiteri, imbghad, aktar tard marret dakinhar stess filghaxija u ddepozitat il-flus kollha li kienu gabru mil-licenzji fil-Bank of Valletta. 'L ghada filghodu l-manager tal-Bank, Joseph Aquilina, ikkomunika ma' Joan Spiteri u informha li mal-flus li kienet ghaddietlu kien hemm karta ta' €100 li kienet falza. Joan Spiteri sostniet li l-unici zewgt karti ta' €100 li kienet dahhlet il-jum ta' qabel kienet irceviethom minghand l-imputat. Wara dak li qallha l-manager tal-Bank Joan Spiter kkomunikat mal-imputat biex tinformah dwar dak li gara u allegatament l-imputat wegibha illi allura dik kien gabha mill-bank in-Nadur meta kien bidel xi flus Maltin u li ma kienx ser ibatiha hu. Wara marret taghmel ir-rapport l-Ghassa tal-Pulizija.

Minn naha tieghu l-imputat xehed li huwa kien mar ihallas il-licenzji ghal sentejn u li fuqu kellu karta wahda biss ta' €100. Jghid li ghall-ewwel ma ftakarx minn fejn kien gab din il-karta ta €100 u lill-mara li lilha kien hallas il-licenzja kien qallha li kien gabha jew mill-bank jew mill-hanut izda wara irrikonoxxa li fil-fatt kienu rcevewha l-haddiema tieghu minn xi supermarket tieghu u li hekk kien qal meta gie interrogat mill-pulizija. Fix-xhieda tieghu huwa zied

ighid li l-karti ta’ flus li kienu jircievu fis-supermarket kienu jigu verifikati humiex foloz jew le permezz ta’ magna apposta u li anki l-iskrivana tad-Dipartiment tal-Licenzji kienet iccekkjat il-flus ukoll bil-magna. Di fatti fix-xhieda tieghu l-imputat jghid li meta ‘l ghada cemplitu l-iskrivana tal-licenzji huwa qallha li kien iccekkjha u kienet tajba u li hi stess kienet iccekkjatha u wkoll sabitha tajba.

L-aggravji tal-imputat appellant jistghu jigu riassunti kif gej:

1. L-artikoli 556, 557 u 558 tal-Kodici Kriminali ma gewx osservati u li dan ghandu jwassal ghall-liberazzjoni tieghu.

2. Il-provi kienu tali li l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija fl-imputat.

3. Il-Qorti kienet zbaljata dwar fuq min kien jinkombi l-piz tal-prova a tenur tal-artikolu 45(1) tal-Kap 204.

**L-ewwel aggravju:** Din il-Qorti ezaminat fid-dettal id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta u tistqarr illi ma ssib xejn fih li b’xi mod jeskludi l-applikazzjoni tal-artikoli 556, 557 u 558 tal-Kodici Kriminali. Huwa minnu li l-Kap 204 huwa ligi specjali izda dan ma jfissirx li d-dispozizjonijiet tal-Kap 9 ma japplikawx ghall-konservazzjoni ta’ provi ukoll fejn si tratta ta’ ligijiet specjali sakemm dik il-ligi specjali ma tkunx tipprovdi dispozizzjoniet specifici ghall-konservazzjoni ta’ provi necessarji ghall-prova tar-reat jew reati taht dik il-ligi specjali. Dan ma hux il-kaz tal-Kap 204 li ma jipprovdi ebda tali dispozizzjonijiet. Ghalhekk l-artikoli 556 sa 558 tal-Kodici Kriminali, it-tnejn inkluzi, huma wkoll applikabbli ghal proceduri ghal reati taht il-Kap 204.

B’danakollu l-apellant xorta ma ghandux ragun isostni li n-nuqqas ta’ osservanza tal-artikoli imsemmija tal-Kodici Kriminali ghandu wahdu jwassal ghall-liberazzjoni tieghu. Dan ma hux il-kaz ghaliex l-artikolu 568 tal-Kodici Kriminali, li jsegwi l-artikoli li fuqhom qieghed jistrih l-imputat appellant, fis-subinciz (1) tieghu jirreferi ghall-

"kawtieli u l-formalitajiet imsemmijin taht dan it-Titolu" u imbghad fit-tieni subinciz tieghu jkompli jipprovdi hekk:

"568(2) Izda, in-nuqqas ta' dawn il-kawtieli jew formalitajiet mhux ta' impediment illi fil-kawza tkun tista' ssir, bil-mod li taghti l-ligi, il-prova tal-fatti li ghalihom dawk il-kawtieli jew formalitajiet ikunu jirriferixxu."

Ghalhekk il-fatt li ma jkunux gew osservati l-kawtieli u formalitajiet previsti fl-artikoli 556, 557 u 558 ma jimportax il-liberazzjoni tal-persuna imputata li fiha jigu prodotti l-provi relevanti u l-Qorti tkun xorta libera li taghmel l-apprezzament tal-provi prodotti u ghall-fini ta' tali apprezzament taghti l-piz li jista' jidhrilha xieraq li ghandha taghti ghall-fatt li l-kawtieli u formalitajiet previsti fl-artikoli imsemmija ma kienux gew osservati[1]. Dan l-aggravju ghalhekk qieghed jigi michud.

**It-tieni aggravju:** It-tieni aggravju essenzjalment jilmenta mill-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti quddiemha. L-appellant isostni li il-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti kienu tali li dik il-Qorti ma setghetx issib htija fl-imputat. Jekk hu hekk allura din il-Qorti jkollha ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah. Jekk ma hux hekk, izda, u cioe' l-ewwel Qorti kellha bizzejjed provi li fuq l-iskorta taghhom setghet ragionevolment issib lill-imputat hati, allura l-gurisprudenza in materja dwar il-funzjoni ta' din il-Qorti hija ormai bizzejjed assodata fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

Il-Qorti ma hix ser telenka l-provi kollha li gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti ghaliex ir-riassunt tal-provi li sar mill-ewwel Qorti u dak li gja inghad dwar il-provi aktar 'l fuq f'din is-sentenza hu bizzejjed ghall-finijiet ta' dan l-

[1] Ara *inter alia* Vol. XL.IV.987; App. Kr. Inf. P v Jan sive John Leone Ganado, 30/07/1992, Vol. LXXVI.V. 826; App. Kr. Inf. P v Joseph Bajada, 15/12/1992, Vol LXXVI.V.853

aggravju u fid-dawl tal-provi kif elenkati din il-Qorti ma kienetx tezita sabiex tikkonkludi li l-ewwel Qorti kellha bizzejjed provi quddiemha biex setghet tasal ghall-htija tal-imputat appellant. Izda dan l-aggravju huwa intimament allacjat mat-tielet aggravju li issa ser jigi ezaminat u ghalhekk din il-Qorti ser tirregola ruhha dwar l-apprezzament tal-provi wara li tkun ghamlet il-kunsiderazzjonijiet taghha dwar it-tielet aggravju.

**It-tielet aggravju:** L-appellant isostni li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet li l-artikolu 45 tal-Kap 204 kien jinverti l-oneru tal-prova peress li il-kwistjoni tal-oneru tal-prova jitqanqal biss fil-proviso tas-subartikolu (1) li b'ebda mod ma jnehhi l-piz tal-prova li l-imputat kien konsapevoli li kien qed imexxi (sottolinear tal-appellant) biljett ta' flus falsifikat mentri l-proviso jesigi li sabiex l-imputat jibbenefika minn tnaqqis fil-piena jrid jipprova li meta akkwista (sottolinear tal-Qorti) l-biljett falsifikat ma kienx konxju mill-falsita' tieghu.

L-appellant ghandu ragun dwar dan l-aggravju. L-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi fejn si trattava tal-piz tal-prova mehtieg ghas-sejbien ta' htija tal-imputat tar-reat li tieghu instab hati kif ser jigi spjegat. Fic-cirkostanzi din il-Qorti sejra ghalhekk tezamina wkoll il-provi sabiex tara jekk il-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti kienux bizzejjed sabiex tinstab htija tal-imputat appellant anki fid-dawl ta' fuq min kien korrettement jinkombi l-piz tal-prova skont il-Kap 204.

L-ewwel Qorti irriteniet:

"Illi interessanti d-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw il-falsifikazzjoni tal-flus u c-cirkolazzjoni ta' flus foloz fil-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress illi filwaqt illi fil-kamp penali r-regola generali hija illi l-piz tal-prova hija fuq il-prosekkuzzjoni u dana sabiex tipprova l-akkuza lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, meta wiehed jigi biex jitratta dawn it-tip ta' reati il-piz tal-prova taqa' fuq l-akkuizat u dana sabiex jikkonvinci lill-Qorti illi huwa jew hija ma kienx a konoxxenza tal-fatt illi l-flus ma kenux foloz."

u imbghad, wara li ghaddiet biex ticcita s-siltiet relevanti mill-artikolu 45(1) tal-Kap 204, aktar tard, fil-kors tal-apprezzament taghha tal-provi, tghid:

“Min-naha tieghu l-imputat ma jichadx illi d-Dokument AS1 ma kenitx il-karta tal-flus illi huwa ghadda lil Cini prova li kienet tinkombi fuqu tenut kont illi bil-ligi l-piz tal-prova hija mitfugha fuqu.”

Bir-rispett kollu, l-ewwel Qorti ma fehmitx ir-relazzjoni preciza ta’ bejn id-dispozizzjoni principali tal-artikolu 45(1) u l-proviso tieghu u dan jidher li wassalha fl-izball u kkonkludiet li l-piz tal-prova kien jaqa’ fuq l-imputat sabiex jikkonvinci lill-Qorti illi huwa ma kienx a konoxxenza tal-fatt li l-flus ma kienux foloz. Il-konsapevolezza li trid tigi pruvata ghall-htija tar-reat kif jirrizulta mid-dispozizzjoni principali tal-artikolu 45(1) u l-konsapevolezza li dwarha jitkellem il-proviso fl-istess sub-inciz jirrigwardaw mumenti diversi tad-dinamika tal-fatti. Il-konsapevolezza mehtiega ghall-prova tar-reita’ skont id-dispozizzjoni principali imsemmija tirrigwarda l-mument li l-awtur “imexxi biljett tal-flus falsifikat” u di fatti l-ligi tghid “…imexxi biljett tal-flus li jkun jaf li hu falsifikat” (sottolinear f’kull kaz tal-Qorti). Hawnhekk l-artiklu ma jikkontempla ebda spostament tal-piz tal-prova u ghalhekk, ghall-fini ta’ htija tar-reat previst fl-artikolu 45(1) tal-Kap 204, il-piz tal-prova tal-konsapevolezza da parti tal-awtur tal-falsita’ tal-biljett ta’ flus li kien qieghed imexxi jibqa’ skont l-istess artikolu jinkombi fuq il-prosekuzzjoni. Minn naha l-ohra, il-konsapevolezza li dwarha jitkellem il-proviso tal-istess artikolu jirrigwarda l-mument precedenti l-ispaccjar jew tmexxija tal-biljett falsifikat u cioe’ il-mument li l-awtur gie fil-pussess tal-biljett falsifikat tant li l-proviso jghid “… fiz-zmien li fih gie f’idejha jew fil-pussess taghha ma kienetx taf li kien falsifikat” u huwa cjar li dan l-proviso qieghed jindirizza l-kwistjoni tal-piena u mhux tal-htija jew reita’ ghar-reat li trid tkun giet stabbilita a tenur tad-dispozizzjoni principali li ghar-rigward taghha, u cioe’ tal-htija ghar-reat, l-ligi ma tikkontempla ebda spostament tal-piz tal-prova li ghalhekk jibqa’ jinkombi fuq il-prosekuzzjoni.

Fi ftit kliem, ghall-finijiet ta’ htija ghar-reat ipotizzat fl-artikolu 45(1) tal-Kap 204, konsistenti fi spaccjar jew tmexxija ta’ biljett jew biljetti ta’ flus iffalsifikati, il-prova li fil-mument tal-ispaccjar jew tmexxija tal-biljett falz ta’ flus l-awtur kien konsapevoli li l-biljett kien wiehed falz tispetta lill-prosekuzzjoni. Jekk, izda, l-imputat jipprova li meta rcieva jew gie fil-pussess tal-flus, u cioe’ qabel il-mument li gie biex jghaddhihom lil haddiehor, huwa ma kienx jaf li l-flus kienu foloz allura ghall-finijet ta’ piena ghar-reat ta’ spaccjar jew tmexxija ta’ flus foloz jiggwadanja minn riduzzjoni billi l-minimu tal-piena minn sentejn isir xahrejn prigunerija waqt li l-massimu tal-piena minn disa’ snin isir tlett snin. L-artikolu 45(1) huwa intiz li jkopri zewg sitwazzonijiet: l-ewwel wahda fejn persuna tircievi biljett falz ta’ flus bil-konsapevolezza li kien falz meta rcevietu u imbghad tmexxi l-biljett falz meta evidentement kienet konsapevoli li kien falz, u hawnhekk il-ligi tipprovdi ghall-piena fir-rigur taghha; u t-tieni sitwazzjoni hi fejn persuna tircievi biljett falz minghajr ma kienet konsapevoli li kien falz fil-mument li tircevih izda ssir taf li kien falz wara li rcevietu u tkun taf li hu falz meta tmexxih lil haddiehor, u f’din l-ipotesi l-ligi tipprovdi ghal mitigazzjoni tal-piena u huwa biss f’dan ir-rigward u cioe’ sabiex l-awtur ikun jista’ jibbenefika minn din il-mitigazzjoni tal-piena, li l-ligi timponi fuq l-imputat il-piz tal-prova tan-non-konsapevolezza tal-falsita’ tal-biljett falz fil-mument li rcevih.

Peress li dan in-nuqqas ta’ intendiment korrett da parti tal-ewwel Qorti dwar fuq min kien jinkombi l-piz tal-prova tal-element tal-konsapevolezza tal-falsita’ tal-biljett ta’ flus da parti tal-imputat fil-mument tal-ispaccjar jew tmexxija tal-biljett falz ta’ flus, u cioe’ li kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni u mhux fuq l-imputat kif erronjament irriteniet l-ewwel Qorti, din il-Qorti hi fid-dover li taghmel hi l-apprezzament tal-provi li gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti sabiex tara jekk xorta wahda ghandhiex tasal ghall-istess konkluzjoni tal-ewwel Qorti.

Il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni li gie pruvat ‘l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-karta’ ta’ €100 in kwistjoni f’dawn il-proceduri u li giet pruvata falza kienet fost il-karti tal-flus li fis-26 ta’ Mejju 2008 gew konsenjati lid-

Dipartiment tal-Licenzji mill-imputat. Simone Cini, li rceviet il-flus minghand l-imputat, xehedet kategorikament li fost il-karti li kkonsenjalha dakinhar l-imputat kien hemm dik ta' €100 li wara rrizultat li kienet falza. Hija gharfet dik il-karta bhala li kien tahielha l-imputat bla ebda ezitazzjoni u qalet minn xhix gharfitha u cioe' mid-dbabar li kien hemm fuqha. Dan ikkonfermatu wkoll Jane Spiteri (ara fol. 51 u 35) li kienet giet informata mill-Bank li kienu sabu l-karta ta' €100 falza. Simone Cini tghid li l-imputat ikkonsenjalha zewg karti ta' €100 l-wahda, u dan sostnietu sa mill-ewwel jum li sar maghruf li l-karta kienet falza (ara l-okkorrenza Dok AS3 fol 28) u Jane Spiteri xhedet (fol. 52) li l-imputat meta qaltlu li kien hallas b'zewg karti ta' €100 l-wahda qatt ma nnega li kien hekk. L-imputat, fil-11 ta' Gunju 2008 (stqarrija fol 33), u cioe 16-il gurnata wara l-incident, jghid li lil Simone Cini kkonsenjalha wahda biss. B'danakollu din il-Qorti hi sodisfatta li kien x'kien il-kaz il-karta ta' €100 falza kienet fost il-karti ta' flus li l-imputat ikkonsenja lil Simone Cini bi hlas ghall-licenzja tieghu.

Il-qofol, izda, huwa jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova li fil-mument li l-imputat mexxa l-biljett ta' €100 in kwistjoni kienx konsapevoli tal-fatt li l-istess biljett kien falz u, kif inghad, skont il-ligi l-piz tal-prova ta' dan l-element tar-reat jinkombi fuq il-prosekuzzoni u mhux fuq l-imputat. L-imputat dejjem cahad li huwa kien jaf li l-biljett in kwistjoni kien falz anzi huwa kien jichad li fil-fatt ghaddha xi biljett falz lil Simone Cini ghaliex huwa jsostni li dan il-biljett kien gie ricevut fil-hanut tieghu fejn hemm magna li tivverifika jekk il-karti ta' flus kienux genwini jew le u ghalhekk cahad li l-karta in kwistjoni setghet kienet falza ghaliex altrimenti tal-hanut kienu jindunaw biha (ara stqarrija tieghu fol. 34). L-imputat isostni li anki Simone Cini kienet ittestjat bil-magna taghhom il-karta ta' €100 li kien ikkonsenjalha u kienet sabitha tajba (fol. 91). Simone Cini xehedet li huma kellhom magna biex jiccekkjaw il-flus izda ma ftakritx kienetx iccekkjathiex jew le izda ziedet li s-soltu ticcekkjhom kollha u li ghalhekk x'aktarx kienet iccekkjathom (fol. 55) Minn naha l-ohra, mill-okkorrenza jirrizulta li l-ghada tal-incident Simone Cini kienet qalet lill-pulizija li hija ma kienetx ivverifikat jekk il-flus kontanti li rceviet kienux genwini jew le (fol. 28). Mill-kumpless ta'

dawn ic-cirkostanzi xejn univoci din il-Qorti ma hix f'qaghdha li tinferixxi li l-imputat minghajr dubbju dettat mir-raguni kien konsapevoli tal-falsita' tal-karta ta' flus in kwistjoni fil-mument li huwa mexxa l-istess karta ta' flus. Anqas jista', fic-cirkostanzi tal-kaz, legittimament jinsilet xi argument, kif ghamlet l-ewwel Qorti, mill-fatt li l-falsita' tal-karta ta' flus in kwistjon kienet grossolana u li minn idejn l-imputat, bhala negozjant, kienu jghaddu diversi karti tal-flus Dan ghaliex Simone Cini, li certament minn idejha wkoll kienu jghaddu diversi karti tal-flus ukoll ma ntebhietx bil-falsita' tal-karta ta' flus in kwistjoni minkejja s-suppost grossolanita' tal-falsifikazzjoni.

Din il-Qorti hi ghalhekk tal-fehma li l-element formali tar-reat *de quo* ma giex sodisfacentment pruvat mill-prosekuzzjoni minghajr dubbju dettat mir-raguni u ghalhekk din il-Qorti ser tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni.

L-ewwel Qorti, izda, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-reat migjub fit-tieni imputazzjoni peress li rriteniet li dan kien inghata bhala kap alternattiv ghall-ewwel imputazzjoni. Jibda biex jinghad li minn mkien ma jirrizulta li t-tieni imputazzjoni hija intiza bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u ma hemm xejn x'jindika li t-tieni imputazzjoni hi necessarjament alternattiva ghall-ewwel. Anzi mill-provi jidher li ma hix intiza bhala tali ghaliex l-immissjoni fil-pussess tal-karta ta' flus in kwistjoni kien jipprecedi l-pussess li necessarjament kellu l-imputat sabiex imexxi l-istess karta ta' flus. Ghalhekk la hemm zewg kumplessi ta' fatti li jeskludu lil xulxin u anqas hemm konkors formali ta' reati ghaliex it-tmexxija tal-karta ta' flus precedentment posseduta kien jirrikjedi att ta' volonta' separat u distint minn u li gie wara dak rikjest ghall-pussess tal-karta ta' flus in kwistjoni. Jibqa' l-fatt li l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni peress li sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni izda peress li din il-Qorti issa ser tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni jehtieg li din il-Qorti tindaga dwar il-htija o meno tal-imputat ghat-tieni imputazzjoni, indagni li l-ewwel Qorti astjeniet milli taghmel.

Din il-Qorti ma jidhrilihiex li ghandha tiddilunga wisq f'dan l-ezami taghha. Mill-provi prodotti, anki fid-dawl tal-apprezzament taghhom li ghadha kemm ghamlet din il-Qorti, ma jirrizulta b'ebda mod li fil-mument li l-imputat rcieva l-karta tal-flus in kwistjoni jew tul il-kors kollu ta' zmien li kien fil-kustodja jew pussess taghha huwa kien f'xi mument konsapevoli tal-falsita' taghha u ghalhekk anki it-tieni imputazzjoni ma gietx pruvata.

Ghal motivi premessi is-sentenza appellata qed tigi revokata u l-imputat appellant qieghed jigi liberat minn kull imputazzjoni u piena u minn kull ordni moghti fil-konfront tieghu b'dan li l-Qorti tordna li d-Dokument AS1 ghandu a kura tar-Registratur tal-Qorti jigi konsenjat lil Joseph Bonnici, Manager Currency Issue Office fil-Bank Centrali ta' Malta, jew lis-successur tieghu f'dik il-kariga, sabiex wara li l-istess Bank jiflih, jew jeqirdu jew isir xort'ohra minnu b'dak il-mod u taht dawk il-kondizzjonijiet li l-Bank jista' jiddeciedi dwaru kif previst fl-artikolu 50(2)(3) tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------